MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Numru. 132/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

John Paul Woods

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, John Paul Woods ta' 26 sena, bin Kim Reed u Miriam Woods, imwieled Portsmouth, UK, nhar il-21.07.1980 u residenti no. 5, Triq Gulliermu, Bormla, detentur ta' passaport ingliz bin-numru 01573367 fejn gie akkuzat talli gewwa l-Msida f'xi hin bejn 5.30p.m. tas-26 ta' Jannar, 2007 u 8.30a.m. tad-29 ta' Jannar, 2007, waqt

li kien ma' persuna ohra ikkommetta serq diversi oggetti u ammont ta' flus mill-hanut bl-isem 'International Marine Centre', li huwa sitwat fi Triq Testaferrata l-Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-"valur" li jaccedi LM1,000 kif ukoll bil-"mezz" u li dan sar ghad-dannu ta' Paul Farrugia minn tas-Sliema u/jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond, liema hsara taccedi LM5 izda li ma taccediex LM50 u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Paul Farrugia u/jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli gewwa l-Fgura f'xi hin qabel is-7.30p.m. tat-12 ta' Frar, 2007, waqt li kien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' *chaser* minn vettura ta' ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bix-"xorta tal-haga misruqa", liema serq sar ghad-dannu ta' persuna jew persuni mhxu maghrufa;

Kif ukoll talli nhar it-12 ta' Frar, 2007 u fil-jiem ta' qabel, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u cioe' laqa' ghandu *chaser* misruq kif ukoll tlett *cheque books* ta' HSBC, liema *cheque* gew rapportati misruqa nhar id-29 ta' Jannar, 2007 mill-fond 'International Marine Centre', li huwa sitwat fi Triq Testaferrata l-Msida, liema serq sar ghad-dannu ta' Paul Farrugia u/jew persuni ohra, u dan sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluzi l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat u mmarkati bhala Dok. AP1 u Dok AP2.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif rregistrata fl-atti fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2007 u cioe' fil-jum meta giet

mahlufa l-akkuza odjerna fil-konfronti ta' l-imputat u meta sar l-ezami ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra teighu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizluta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejh mal-gustizzja u li huwa inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu izda huwa ma gharafx juzufruwixxi minn din l-opportunita'. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll illi l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u ghalkemm ser tinghata piena karcerarja il-Qorti ser tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Habs sabiex jaccertaw ruhhom li l-imputat waqt li jkun fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jinghata l-kura mehtiega ghal problema ta' l-abbuz mid-droga.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 279, 280, 325 (c), 334, 17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta , il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal hmistax-il xahar prigunierja b'effett millum.

Il-Qorti tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Habs sabiex jiehdu hsieb li l-hati jinghata l-kura mehtiega ghall-problema li huwa ghandu mill-abbuz tad-droga u ghal dan il-ghan qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini ta’ l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------